MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

21 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.34pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tal-Perit Giorgio Schembri u s-Sur Victor Galea.

## 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

19.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Schembri dieħel ftit tard u s-Sur Galea ma qalx li mhux dieħel.

Is-Sur Cordina qal li qabel ma jkompli bl-Agenda xtaq jikkundanna l-att ta' vjolenza li sar fuq il-Perit Schembri fejn nhar it-Tnejn, 19ta' Ottubru ġie aggrediet minn kuntrattur tal-proġett tas-Central Link fejn qed isir fi Triq l-Imdina, kissirlu l-mobile u nuċċali. Hu kompla jgħid li jikkundanna da l-aġir fejn Kunsillier li qed jagħti servizz lir-resident fejn ikun qed jara biċċa xogħol biex jagħti servizz lin-nies jispiċċa vittma b'dan il-mod. Infrastructure Malta ġew infurmati u qed jieħdu passi u s-CEO, is-Sur Fredrick Azzopardi ikkundanna dan l-agir min-naħa tal-kuntrattur. L-Avukat Brincat issekondaw dan l-aġir filwaqt li s-Su Bartolo rrimarka jekk għandhiex issir kundanna uffiċċjali. Is-Sur Cordina qal li mhux etika li ssir f'dan l-istadju għax Is-Sur Schembri qal li ma jixtieqx li toħroġ fil-pubbliku. Kulħadd qabel.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

19.3.1 ***Żvilupp fi Triq Il-Belt Valletta u Triq l-Imdina***

Is-Sur Cordina qal li meta kien informa l-Perit biex issir oġġezjoni l-Perit sa li kien tard wisq. Però l-Perit qallu li saret rappreżentazzjoni minn xi residenti li kienu digà sottomettew oġġezjoni u ha ssir rappreżentazzjoni waħda. Saret ukoll oġġezzjoni oħra fuq il-pompa tal-petrol fi Triq l-Imdina fejn kien hemm digà oġġezzjoni qabel u issa regà talab biex issir restorant u cafeteria.

***Triq ir-Rużell***

Is-Sur Cordina qal din ġiet regolarizzata uffiċċjali bl-isem Triq ir-Rużell u twaħħlu t-tabelli kif suppost skont l-Avviż Legali. Is-Sur Cordina wassal għall-attenzjoni tal-Kunsill l-imejl tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

5.45pm Is-Sur Victor Galea daħal *online* fil-mument li s-Sindku kien qed jaqra l-imejl.

Is-Sur Mangion saqsa għala mill-1987 għaddiet illum. Is-Sindku qal li baqgħet hekk minħabba li razzett qasam it-triq fi tnejn b'żewġ ismijiet u allura ġara li meta nfetħet it-triq ġiet triq waħda b'żewġ ismijiet. Is-Sindku qal li wara li tkellmu mal-Kunsill l-istess nies li oġġezzjonaw marru

għand l-Ombudsman u naturalment huma qalu li din saret b'mod inġust u l-Kunsill ta l-veduta tiegħu ta' kif fil-verità ssusseggwew l-affarijiet u qed jispera li dan il-każ jingħalaq u jkun finali.

*Attard Subbuteo Club*

Is-Sur Cordina qal li kif kulħadd jaf dan il-klabb ġie ffurmat fl-1987 u dawn kienu ssuġġerew li jiġu affiljati mal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard. Inbidlet l-arma biex iddaħħal il-logo ta' Ħ'Attard u qara l-imejl li ntbagħtitlu fejn il-klabb talab l-għajnuna sabiex jkompli jinkera post mingħand il-Malta Football Coaches Association għas-somma ta' €500 fis-sena. Is-Sur Cordina qal li s-somma mhix ħafna għalhekk issuġġerixxa li dawn jittieħdu mill-fondi tar-Reġjun tas-sena d-dieħla. Is-Sur Mangion qal li m'għandux oġġezzjoni sakemm ma jintalbux affarijiet oħra bħall-kits. L-Avukat Caruana qalet li kits ħadu meta siefru s-sena l-oħra għalhekk ma tarax li hemm bżonn. Is-Sur Galea qal x'sa jsir jekk jitolbu għaqdiet oħra? Is-Sur Cordina qal li fil-verità għaqdiet oħra ġa bbenefikaw minn skemi tar-Reġjun u jekk ikun hemm oħrajn żgur li ħa jkun hemm għajnuniet oħrajn bħal meta jinxtara xi servizz. Is-Sur Bartolo qal li jaqbel imbagħad jekk jinqala' xi ħaġa oħra wieħed jiddiskuti u li jinvolvu lill-Kunsill. L-Avukat Caruana qalet li taqbel basta jsir outreach fil-fuljett tal-Kunsill biex jekk ikunu jridu jżidu l-membri jagħmlu dan. Is-Sinjura Scerri ssuġġeriet li jingħata nofs l-ammont u n-nofs l-ieħor isiru kaxxi għall-qtates. Is-Sur Cordina qal li l-*feeders* diġà qed jieħdu għajnuna permezz ta' fondi għall-ammont ta' €8,000 li qed jingħataw mill-Kunsill u l-Animal Welfare. Qal ukoll li ħerġin skemi oħrajn u li xorta meta jsiru kaxxi wieħed mhux la kemm isiru għax ikunu jridu jaraw il-post hux pubbliku u ħafna affarijiet oħrajn. Kulħadd qabel li jingħata l-ammont kollu.

*Maskli Covid19*

Is-Sur Cordina issuġġerixxa u anke xtaq jissuġġerija fir-Reġjun li kull residenza tingħata pack masks ta' 10 u jitqassmu jew mill-Kunsill u jinqatgħu mir-Reġistru Elettorali jew bil-posta sakemm dawn ma jmorrux fuq l-idejn imma għand ir-residenti. Is-Sur Bartolo qal li jaqbel imma propona li ssir *sticker* fuq kull pack. L-Avukat Caruana qalet li jekk il-flus jinħarġu mir-Reġjun forsi anki xi sanitiser. Is-Sur Mangion qal li trid tagħmilha ċara li pakkett kull familja. Is-Sur Galea qal li però m'għandux jintefa' workload żejjed fuq il-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li wieħed issa jara l-aħjar mod kif jitqassmu. Kulħadd qabel li jitqassmu pakkett *surgical masks* ġo kull residenza.

## 19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

19.4.1 Victor Galea

- Tabella stop fejn kien hemm il-*bottleneck* fi Triq l-Imdina ma' Triq iż-Żagħfran . Is-Sur Cordina qal l I IM ġa nfurmati.
- Saqsa fuq il-viti ekonomiċi li qed jitqassmu mill-korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Korporazzjoni.

19.4.2 John P. Bonniċi

- Saqsa fuq tank fuq il-propjetà tal-MIP li nqala' u rega' twaħħal kollu msaddad kif kien.
- Saqsa fuq yukka fi Triq il-Pitkali fil-ġardina li talbu lilu biex tinżabar . Is-Sur Cordina qal li ż-żbir isir bil-permess tal-ERA u huma jgħidu kemm jistgħu jinżabru.

19.4.3 Alex Mangion

- Saqsa jekk il-Kunsill kienx jaf fuq dak li ġara t-Tnejn fuq dawk it-tliet siġriet li nqattgħu. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill kien jaf x'se jsir imma li ma konniex nafu meta. Il-Kunsill kien jaf li ħa jinqatgħu tant siġar u ma nqatgħux iktar minn dak li kien hemm permess fuqhom biex jinqatghu. Saqsa fuq *timeline* meta sa jinżergħu siġar ġodda. Is-Sur Cordina qal li IM għamlet kollox skont kif kien indikat li ha jsir u saħansitra ġew iffurmati digà konok u nżergħu siġar biex jintlaħaq in-numru ta' siġar li kellhom jinżergħu. L-Avukat Caruana qalet li l-Kunsill kien intalab jindika fejn għandhom jitħawwlu xi siġar. Is-Sur Cordina qal li dik kienet xi ħaġ'oħra u nfatti IM tat lill-Kunsill mal-110 siġra taż-Żebbuġ li nżergħu f'pots fuq l-*embankment*. Is-Sur Cordina qal li fejn kellhom jitqaċċtu s-siġar dik kienet xi ħaġa ta' IM u ħa jinżergħu oħrajn minflok.

19.4.4 Connie Scerri

- Qalet li bagħtet imejl lill-Transport Malta fuq il-*Bus Shelter* tal-Għarix u għandha tibgħat tali risposta lill-Kunsill.
- Saqsiet jekk Jalie's għamilx estensjoni tal-ħanut fuq barra tar-restorant minħabba li rat xi mwejjed fil-ġnejna ta' wara l-Knisja. Is-Sur Cordina qal li ma saret l-ebda estensjoni imma sempliċement fiċ-ċircustanżi ta' Covid bħal ma' qal il-Prim Ministru fejn jistgħu jiġu rilaxxati ċertu affarijiet ma ra xejn ħażin billi jkun hemm distanżi u tiġi okkupata art pubblika li ma ttellef lil ħadd.
- Saqsiet jekk il-Perit tax informazzjoni fuq il-Hotel. Is-Sindku reġa' rrepeta dak li qal fil-bidu. Is-Sur Victor Galea qal li nħallu lok li jsir kummerċ imma kompla s-Sur Cordina mhux li jgħolli iktar mill-limitu tal-qalba tar-raħal.

19.4.5 Silvio Brincat

- Saqsa fuq Oleander fi Triq il-Linja biex tinżabar.
- Talab sabiex isiru l-bankini fi Triq l-Imdina. Dawn ħa jsiru mis-Central Link peress li t-triq hi arterjali.
- Li ċemplitlu ċertu waħda Annalise Camilleri Cilia li toqgħod Ħal-Balzan li kienet qed issoffri għarar u qalet li mhux qed isir knis. Fl-aħħar ġimgħat hi rebħet kawża kontra Ħal–Lija fuq għarar minħabba li kienu tneħħew xi *culverts* meta sar xogħol fuq Triq Annibale Preca. Is-Sur Cordina qal li mhu veru assolutament xejn u saħansitra l-*culverts* tnaddfu u t-triq inħaslet kemm il-darba. Fil-fatt kompla l-Avukat Brincat hu kien qal lis-Segretarju Eżekuttiv u dawn tnaddfu. Is-Sur Cordina qal li hi għandha raġun fuq l-għarar imma meta jingħadu l-affarijiet għandhom jingħadu sew. L-Avukat Brincat qal li għalhekk għandhom jinżammu ritratti kull meta jsir ix-xogħol biex jekk jinqala' xi ħaġa jkunu koperti. Is-Sur Cordina qal li ma tistax tgħid li l-knis ma sarx għax hemm bħal Triq Ħal-Warda knist issa u wara bil-weraq tas-siġar reġa' mimli.
  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li irrelevanti kemm titnaddaf it-triq xorta ma tistax tassumi responsabbilta' meta hemm toroq li jġonġu ma' dan il-maqrut fejn l-ilmijiet kollha minn fuq jinġemgħu fil-culverts ta' Triq Sant'Anton.
  Is-Sur John Bonnici saqsa jekk jistgħux jiġu nfurmati l-Kunsilli Lokali ta' Ħal-Lija u Ħal-Balzan. Is-Sur Cordina qal li m'għandhiex tintefa ħtija fuq l-ebda Kunsill meta dan ikun għamel xogħolu u dak li kien qed jipprova jfiehem.

6.36pm Is-Sur Giorgio Schembri daħal *online* f'dan il-mument.

19.4.6 Helen Caruana

- Qalet li ġiet avviċinata minn xi ħadd sabiex isir tindif ta' ħaxix fit-triq li tagħti minn Flower Power sal-Mosta. Is-Sur Cordina qal li din ma taqax taħt il-Kunsill Lokali.
- Qalet li ġibdulha l-attenżjoni li mis-Central Link suppost tgħaddi bit-30 imma kulħadd għaddej sparat. Is-Sur Cordina qal li iva hemm iċ-ċans li ssir *speed camera* imma għad irid jitkompla l-proġett.
- Is-Sur Schembri qal li *speed cameras* mhumiex taħt ir-remit ta' Infrastructure Malta imma kompla s-Sur Cordina is-Sur Azzopardi ma eskludhiex li jsiru.

## 19.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

19.5.1 Riżoluzzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv qalt li kellha *online meeting* fuq Teams fuq il-payments minn LESA, LAS u Lands u f'din il-laqgħa ġie mitlub li kull Kunsill jiftaħ kont *Other Creditors* fejn fih jiġu depożitati dawk il-flejjes li jinġabru mill-Kunsill, eskluż il-muniti, li kienet direttiva ġdida ta' Bov plc sabiex wara jitħallsu direttament lill-entitajiet permezz tad-*Direct Banking*. Għalħekk hi ressqet għall-approvazzjoni Riżoluzzjoni li appuntu jistipula dan kollu u talbet min jipproponi u min jissekonda. Is-Sur Alex Mangion ippropona, is-Sur Remigio Bartolo issekonda.

## 19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

19.6.1 L-Avukat Caruana saqsiet fuq l-*extra work* li sar f'*item* minnhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma sar xejn differenti minn dak li kien isir qabel u x-xogħol kien jikkonsisti f'tindif ta' *culverts* tisqija u skont it-tender dak li hu eskluż minnu jitqies bħalha *extra work.* L-Avukat Caruana saqsiet jekk dan eskluż mill-kuntratt u jrid jibqa' jsir jekk hux parti minn kuntratt ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn ma tistax tipprevedihom u dawn it-tip ta' xogħolijiet iridu jibqgħu isiru bhal qabel bl-eżempju ta' Triq il-Linja wara l-Corinthia sakemm isir il-*main* tal-ilma.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li maċ-ċedola mibgħuta żiedet il-*maintenance* tal-pots tal-istess Triq l-Linja li ssemmew qabel, LESA *Administration Fees* u A&E Mintoff.

## 19.7 Mozzjonijiet; u

19.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 19.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

19.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.05pm u ġiet aġġornata għall-25 ta' Novembru 2020 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 25 ta' Novembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |